**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**

**-vs-**

**George Vella detentur tal-**
**Karta tal-Identità bin-numru 369956(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 1010/13

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat George Vella u ċioè talli:

1. Nhar it-13 ta' Ottubru, 2013, għall-ħabta tas-2:30pm, ġewwa stabbiliment magħruf bħala l-Union Bar li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, dolozamnet bil-ħsieb li joqtol, jew li jpoġġi l-ħajja ta' Alan Grima f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tah daqqiet ta' instrument li jaqta' u bil-ponta fil-partijiet vitali tal-ġisem, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dan bi ksur tal-Artikoli 41 u 211 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna Alan Grima liema feriti gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc u fil-ghonq tal-offiz u dan skond ma iccertfika Dr. Chris Giordimaina MD (Reg. No. 3584) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi skur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe' strument li jaqta' u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbiliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaċi jieħui ħsieb tiegħu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ċioe` Alan Grima, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija miltuba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju, 2015.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2016, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.427

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri, kif ukoll dik tal-Probation Officer a fol 443 u 447 rispettivament.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-andament posittiv tal-imputat fejn l-imgieba tieghu saret wahda stabbli, u kif setghet tikkonstata din il-Qorti meghjun minn membri tal-familja tieghu. Dan gie kkonfermat mill-Probation Officer li anke ddikjarat li wara li saru *ongoing tests* ghal sustanzi illeciti, l-imputat baqa' jirrizulta fin-negattiv.

Ghalhekk meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhix wahda felici lanqas ma taghti lok ghal xi preokkupazzjoni u dan in vista tal-fatt li l-ahhar reat li nstab hati tieghu jirrisali ghal 1992, kif ukoll tal-fatt illi piena karceraja effettiva f'dana l-kaz ma hijiex idonja billi l-imputat ghandu jinghata opportunita` li jkompli jintegra ruhu fis-socjeta` u dan anke permezz ta' supervizzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 216, 217, 218, 338(dd), 338(ff) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum kif ukoll ghall-multa ta' €116.47c.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €4952.08 lir-Registratur tal-Qorti.

U biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, Alex Grima, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha psikologika mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Finalment qed jigi ordnat ukoll l-konfiska tal-mus esebit bhala Dok.RV12.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole u dan sabiex jigi assigurat li l-hati jsegwi d-direttivi moghtija fl-imsemmi Ordni tat-Trattament.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**